**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 211 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joanna Piscopo**

**Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Tracy Bruno**

Illum 26 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Tracy Bruno ta' 46 sena bint Victor u Mary Rose nee' Zammit imwielda Pieta' fis-16 t' Awwissu 1971, residenti 13 B, Binja Gebel id-Dwejra, Triq San David, Mtarfa, Malta, detentrici tal-Karta ta' Identita' Maltija bin-Numru 363971 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-18 t' April, 2020, ghal habta tal-11:00 hrs gewwa 13, Binja Gebel id-Dwejra, Triq San David, Mtarfa, Malta:

1. Ingurjat jew heddidt lil Romina Bruno Arnaud jew ghamilt theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kont ipprovokat, ingurjajt b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

2. Hebbejt ghal martek Romina Bruno Arnaud sabiex idejjaqha, tingurjaha jew taghmilla hsara b' xi mod.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Gunju, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339 (1) (e) u 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieset li l-kawza hija preskritta u l-procediment gie estint.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata u minflok tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fit-30 ta' Gunju 2021, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f' dan ir-rikors.

Illi primarjament, qabel mal-esponent ma jghaddi sabiex jispjega l-aggravju tieghu, l-istess jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li n-numru tal-karta tal-identità tal-appellat Tracy Bruno hekk kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati huwa erronjament indikat bhala 195374 M; mentri n-numru korrett tal-karta tal-identità tal-appellat huwa 363971 M (hekk kif korrettament indikat fil-komparixxi). Barra minn hekk, l-isem tal-appellat hekk kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati huwa erronjament indikat bhala **Tracey** Bruno; mentri isem l-appellat fil-fatt jinkiteb **Tracy** Bruno (hekk kif korrettament indikat fil-komparixxi); Dan il-punt qieghed jingieb ghall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li, is-sentenza hekk kif inhi miktuba, m' hijiex esegwibbli fil-konfront tal-appellat. Minhabba f' hekk, kontestwalment ma' dan ir-rikors tal-appell, l-esponent qieghed jintavola rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tal-artikolu 175 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli

permezz tal-artikolu 520 (1) (c) tal-Kodici Kriminali, din il-materja tigi ndirizzata, u dana indipendentament mill-ezitu ta' dan l-umli appell.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa bbazzat fuq il-fatt li fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati rritjeniet illi l-kawza hija preskritta minhabba li taqa' taht preskrizzjoni trimestali. Dejjem bid-dovut rispett, l-esponent ma jistax jaqbel mal-argumentazzjoni u r-ragunament tal-Qorti tal-Magistrati meta ddecidiet b' dan il-mod, u dan ghar-raguni hekk kif ser jigi spjegat minnufih.

Illi l-esponent jibda' billi jissottometti li z-zewg reati li l-appellat jinsab akkuzat bihom fil-kawza odjerna huma ta' natura kontravvenzjonali u dan ghaliex jaqghu taht it-tielet taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, liema taqsima titratta unikament dwar kontravvenzjonijiet. Iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat huma reati kkunsmati u ai termini tas-subartikolu 1 tal-artikolu 691 tal-Kodici Kriminali:

> *Ghar-reati ikkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni;*

Ghaldaqstant, ir-regola generali hija li fir-rigward ta' reati kkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni ghandu jibda' jiddekorri minn dak in-nhar li sehhew ir-reati in kwistjoni. Pero, fiz-zmien li sehh dan il-kaz parikolari, kien hemm fis-sehh l-Avviz Legali 61 ta' l-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u l-Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Hinijiet Gudizzjarji u Legali)) u l-Avviz Legali 65 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja) li kellhom jittiehdu fil-konsiderazzjoni tal-Qorti meta tigi sabiex tiddeciedi jekk il-kaz kienx preskritt *o meno*.

Illi b' mod partikolari, fl-isfond tat-terminu tal-preskrizzjoni, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni dak li jipprovdi is-sub-artikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Avviz Legali 61 tal-2020:

*3.(1) **Meta s-Supritendent tordna l-gheluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti** ghall-fini ta' harsien kontra u, jew ta' kontrollta' epidemiji perikoluzi jew mard infettiv, **tali ordni ghandha tissospendi z-zmien ta' kwalunkwe hinijiet legali u gudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' zmien iehor inkluz zminijiet perentorji applikabbli ghall-procedimenti jew proceduri ohra quddiem l-imsemmija qrati.**[1] Is-sospensjoni ghandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tnehhija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni ghandha tfisser li jekk l-ahhar jum ta' kwalunkwe hin legali jew gudizzjarju jew limitu ta' zmien iehor jiskadi matul iz-zmien meta ordni provduta f' dan ir-regolament tkun fis-sehh, iz-zmien ghall-prezentata ghandu jigi sospiz sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni ghall-gheluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviz fil-Gazzetta.*

Illi ghandu jigi kkunsidrat ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 65 tal-2020:

***Is-Suprintendent b' dan tordna l-gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja u tar-registru b' effett mis-16 ta' Marzu, 2020, liema ordni ghandha tibqa' fis-sehh sakemm tigi revokata mis-Suprintendent**.*

Illi fl-isfond ta' dak li jistipula l-artikolu appena ccitat, u cioe l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 65 tal-2020, l-esponent jaghmel referenza ghall-Avviz Legali 230 tal-2020 (Ordni tal-2020 li jhassar l-Ordni dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja) li jipprovdi:

*1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jhassar l-Ordni dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja.*
*(2) Dan l-ordni ghandu jidhol fis-sehh fil-5 ta' Gunju, 2020.*

[1] Sottolinear tal-esponent.

*2.* ***L-ordni tal-2020 dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja huwa b' dan l-ordni imhassar b' effett mill-5 ta' Gunju 2020****, minghajr pregudizzju ghall-validità ta' kull haga maghmula jew li thalliet barra milli ssir fuq il-bazi ta' dak l-ordni u soggetta ghad-dispozizzjonijietta' dan l-ordni.*

*3. Is-sospensjoni tal-limiti ta' zmien kif kienet fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-ordni ghall-prezentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konkluzjoni ta' kwalunkwe proceduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità ohra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Gustizzja ghandha tibqa' fis-sehh ghal ghoxrin (20) jum mid-dhul fis-sehh ta' dan l-ordni.*

*4.* ***Is-sospensjoni tal-limiti ta' zmien kif kienet fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Ordni ghall-prezentazzjoni ta' atti quddiem qorti*** *jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità ohra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Gustizzja* ***ghandha tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-dhul fis-sehh ta' dan l-ordni****.*[2]

Illi fil-kaz odjern, id-data li allegatament gew kommessi z-zewg reati li l-appellat jinsab akkuzat bihom hija t-18 ta' April 2020. Meta allegatement sehhew dawn ir-reati fil-konfront ta' Romina Bruno Arnaud, ai termini tal-Avviz Legali 61 u 65 tal-2020, kull terminu legali kien sospiz u baqa' hekk sospiz sa sebat (7) ijiem wara l-5 ta' Gunju 2020 u dan ai termini tal-Avviz Legali 230 tal-2020. Kwindi, fil-kaz odjern, iz-zmien tal-preskrizzjoni kellu jibda' jiddekorri minn sebat ijiem wara l-5 ta' Gunju 2020 (u kwindi mit-12 ta' Gunju 2020). F' dan il-kaz, l-appellat kien debitament notifikat bl-imputazzjoni fl-4 ta' Awwissu 2020, u dan hekk kif tixhed ir-riferta esebita fl-atti processwali. Bejn it-12 ta' Gunju 2020 u l-4 ta' Awwissu 2020, ghaddew propju xahrejn neqsin tmint ijiem. Bin-notifika tal-appellat bic-citazzjoni, iz-zmien tal-preskrizzjoni inkiser. Dan qed jinghad ai termini ta' dak li jikkontempla is-sub-artikolu 2 tal-artikolu 693 tal-Kodici Kriminali:

[2] Sottolinear tal-esponent.

*(2) **Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser** ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, **bic-citazzjoni**, ghalkemm il-mandat tal-arrest jew ic-citazzjoni jkunu baqghu bla effett minhabba li l-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta.*

Illi f' dan l-istadju, l-esponent jaghmel referenza ghas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li jistipula li :

*(2) **Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni** u, jew att ta' akkuza **jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza**.*

Illi a bazi tas-sub-artikolu appena citat, gjaladarba l-appellat kien notifikat bic-citazzjoni fl-4 ta' Awwissu 2020, iz-zmien tal-preskrizzjoni ghar-reati li huwa jinsab akkuzat bihom, gie sospiz minn din l-imsemmija data u jibqa' hekk sospiz sal-gurnata li tinghata s-sentenza finali. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-kawza qatt ma setghet tigi ddikjarata preskritta hekk kif rriteniet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ddikjarat il-procediment estint u dan billi ddikjarat il-proceduri kriminali preskritti din il-Qorti ex ufficcio tirrileva li l-ewwel Qorti ghaddiet beix tippronunzja s-sentenza taghha nhar it-22 ta' Gunju 2021 fl-assenza tal-appellat u dan kontra l-ligi partikolarment l-artikolu 375 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-gurisprudenza[3]. Dan jirrendi s-sentenza appellata nulla w bla effett.

---

[3] **Il-Pulizija vs Maria Theresa Zammit** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Frar, 2013 u **Pulizija vs Keith Camilleri** deciza minn din l-istess Qorti nhar it-22 ta Frar, 2007.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar l-14 ta' Ottubru 2021.

Ikkunsidrat;

Illi dan l-appell hu manifestament fondat ghal diversi ragunijiet.

Fil-motivazzjoni taghha ghad-decizjoni li tat l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk:-

"Illi wara wara li rat l-artikolu 339 (1) (3) u 339 (1) (d) tal-kapitolu 9 tal-ligijeit ta Malta tqis li l-akwza hija preskritta u l-procediment gie estint." (Sic!)

Jidher mill-verbal ta dak in-nhar u cioe tat- 22 ta Gunju 2021 l-appellat odjern ma dehrx u dan ghaleix l-verbal jaqra' hekk;-

> *" Meta ssejhet il-kawza dehru l-ispettur Sarah Magri u l-ispettur Joanna Piscopo.*
> *Dehret Dr Roberta Bonello ghall-imputata li eccepiet l-preskrizzjoni.*
> *Il-Prosekuzzjoni tddikjara l-kawza preskritta.*
> *Il-kaz qed jigi ddikjarat procediment estint minhabba li taqa' taht prekrizzjoni trimestrali."*

Jinghad u dan qed jigi rilevat ex ufficcio mill-Qorti li fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti xi forma ta' sentenza, anki dik fejn iddikjarat il-procediment estint, fl-assenza tal-appellat, (ara: App.Krim: **Il-Pulizija vs. Carmelo Azzopardi**[4] u ohrajn.). Hlief fil-kaz fejn l-akkuzat ikun miet u ghalhekk zgur li ma jkunx jistax jidher quddiem il-Qorti, u hlief fejn ikun hemm prokura f' kazijiet ta' ammissjoni ta' certi kontravvenzjonijiet u fejn jidher haddiehor ghalih b' dik il-prokura, (art. 374 (a) tal-Kap. 9) ma tistax tinghata sentenza fl-assenza tal-akkuzat. Dan mhux il-kaz ghax l-

[4] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta Marzu, 2000

appellat ghadu haj u ma deher hadd bi prokura ghalih. L-**artikolu 375(a)** jiddisponi li l-imputat ghandu jidher huwa nnifsu.

Illi l-importanza tal-presenza tal-akkuzat waqt porceduri kriminali fil-konfront tieghu hija riavvizata fil-Kostituzzjoni ta' Malta fejn l-**artikolu 39(6)** tal-istess jipprovdi:

> *"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali.. u hlief bil-kunsens tieghu stess il-proceduri ma jistghux jinzammu fl-assenza teighu hlief jekk huwa jgib ruhu hekk li jahgmel it-tkomplija tal-proceduri fil-prezenza tieghu imprattikabbli u l-Qorti tkun ordnat li jigi mwarrab u li l-proceduri jitkomplew fl-assenza tieghu".*

lli ghaldaqstant f'dan ir-rigward, l-esponent jemmen bis-shih illi l-principju li l-akkuzat ghandu jkun prezenti ghall-proceduri kriminali fil-konfront tieghu huwa principju t'ordni pubbliku u ghaldaqstant jekk il-proceduri kriminali, inkluz l-ghoti tas-sentenza, jigu kondotti fl-assenza tal-imputat, anke jekk il-Qorti tkun iddikjarat il-process bhala procediment estint , bhal ma gara fil-kaz odjern, tali proceduri kif ukoll is-sentenza ma jkunux jiswew u ghaldaqstant ghandhom jigu ddikjarati nulli. Illi dan il-principju huwa riavvizat permezz ta' diversi sentenzi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fejn inghad illi:

> *"Il-htiega li l-imputat jidher huwa nnifsu hija htiega ta' ordni pubbliku u jekk ma titharisx, twassal ghan-nullita` assoluta tas-sentenza[5]"*

Ghalhekk is-sentenza trid tigi annullata anki fuq dan biss.

Certament in-nuqqas ta' dehra tal-akkuzat, sija jekk ikun notifikat u sija jekk ma jkunx, ma hix wahda fejn il-Qorti tista' jew ghandha tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta.

Fil-waqt li din il-Qorti tista' forsi tifhem il-frustrazzjoni li laqtet lill-Ewwel Qorti meta rat li ghal xhur shah l-appellat ma giex notifikat biex jidher quddiemha, r-rimedju ma kienx dak li rrikorriet ghalih. Setghet ghamlet verbal u ordnat il-

[5] 'Il-Pulizija vs Paul Polidano u Carmel Polidano tas-26 t'April, 2006.

komunika tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu l-passi biex jizgura n-notifika tal-appellat jew, al massimu, setghet iddifferiet il-kawza sine die rijappuntabbli fuq rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, wara li dan jipprova ghas-sodisfazzjon taghha li l-appellat gie rintraccjat u li setghet issir in-notifika tieghu bil-komparixxi. Imma mhux li tiddikjara l-procediment ezawrit.

Ghalhekk is-sentenza appellata hija nulla.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara ex ufficcio s-sentenza appellata nulla w bla effett, pero' biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame,* qed tordna lid-Deputat Registratur biex jirrinvija l-process lura lill-Ewwel Qorti biex, wara li jigi notifikat l-appellat mill-gdid, il-kaz jerga' jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi.

Il-Qorti tara li f' dan il-kaz, peress li l-Ewwel Qorti, kif preseduta, ma ghamlet ebda pronuncjament fil-mertu, ma hiex prekluza milli tisma' l-kaz hi stess u ghalhekk il-kaz ma jkollux ghalfejn jigi assenjat lil xi Magistrat iehor.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur